A.L. 87 tal-2010

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2010 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2010 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Art speċifikata. Kap. 169.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni għandhom, b'seħħ mill-1 ta' Diċembru, 2009, jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art ġewwa ż-Żejtun, inkluż kull bini li hemm fuqha, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 8/92/3, liema pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Dottor Vincent Miċeli permezz ta' att pubbliku tat-12 ta' Ġunju, 1995.